**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Diċembru, 2018.**

**Talba Nru: 394/2018PA**

**GO plc**

**vs**

**Vella Mark**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fit-23 ta' Awissu 2018 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' disa' mija, wieħed u sittin Ewro, wieħed u għoxrin ċenteżmu (€961.21ċ) prezz ta' servizzi elettroniċi ta' komunikazzjoni prestati lilu mis-soċjeta' attriċi fuq il-kont numru 40518543, wara li l-istess konvenut baqa' ma ħallasx minkejja li kien debitament interpellat biex jagħmel dan. Is-soċjeta' attriċi talbet ukoll li l-konvenut jiġi kundannat iħallas l-ispejjeż u d-drittijiet, u l-imgħax mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta' attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kont mertu ta' din il-kawża (Dok. A, fol. 2); (ii) kopja tal-kuntratt li s-soċjeta' attriċi kellha mal-konvenut (Dok. B, fol. 3); (iii) kopja ta' ittra uffiċjali eżekuttiva preżentata fis-27 t'Ottubru 2016 (Dok. C, fol. 4); u (iv) estratt mir-Reġistru Elettorali li juri l-indirizz reġistrat tal-konvenut (Dok. D, fol. 5).

Ra r-Risposta tal-konvenut li permezz tagħha eċċepixxa li l-ammont mitlub ħuwa dovut bi prezz ta' telefonati li saru minn ċertu John Sullivan, mill-uffiċju li kien jappartjeni lill-konvenut, ad insaputa tal-konvenut, li għalħekk m'għandux ibati l-ispejjeż, apparti li l-konvenut qatt ma rċieva ittri uffiċjali jew bonarji billi l-fond ilu mhux fil-pussess tiegħu.

Sema' x-xiehda ta' Paul Gatt, in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi, li kkonferma li l-ammont mitlub għadu dovut mill-konvenut lis-soċjeta' attriċi.

Ra li l-konvenut naqas li jressaq provi in sostenn tal-eċċezzjonijiet imressqa minnu, minkejja li ngħata opportunita' sħiħa jagħmel dan.

Qies li l-konvenut ma jikkontestax li daħal f'rabta kuntrattwali mas-soċjeta' attriċi għas-servizzi deskritti fil-kuntratt eżibit minnha, u lanqas li effettivament dawk is-servizzi ġew provduti, għalkemm jikkontesta li kien ħu li gawda minn dawk is-servizzi.

Jidhirlu li t-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta suffiċjentement pruvata, fuq bilanċ ta' probabiltajiet, u fin-nuqqas ta' prova kuntrarja mill-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' disa' mija, wieħed u sittin Ewro, wieħed u għoxrin ċenteżmu (€961.21ċ), bl-imgħax legali u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**